

32001D0766

L 288/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.11.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ottubru 2001

li temenda d-Deċiżjoni 93/197/KEE fir-rigward tal-importazzjoni tal-equidae mill-gżejjer Falkland

(notifikati bid-dokument numru Ċ(2001) 3198)

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(2001/766/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni tal-equidae minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni 2001/298/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 15(a), l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 19(i) tagħha,

Billi:

- (1) Il-gżejjer Falkland huma nklużi fil-Parti 1 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li jelenka l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' annimali bovini, ħnieżer, *equidae*, nagħaġ u mogħoż, laħam frisk u prodotti magħmula mill-laħam, kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/731/KE ⁽³⁾, b'hekk jistabbilixxi l-awtorizzazzjoni fil-prinċipju ta' dawn l-importazzjonijiet, soġġetta iżda għall-kundizzjoni li r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u ta' dik tal-publiku jintlaħqu.
- (2) Wara missjoni ta' spezzjoni veterinarja Komunitarja fil-Gżejjer Falkland il-qagħda ta' saħħa tal-annimali u b'mod partikolari is-sitwazzjoni ta' saħħa tal-equinae tidher li taħt il-kontroll sodisfaċenti tas-servizzi veterinarji.
- (3) L-awtoritajiet veterinarji tal-Falkland pprovdew obligazzjoni bil-miktub li jinnotifikaw fi żmien 24 siegħa bil-fax, telegramm jew telex lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri il-konferma ta' kull marda infettiva jew kontaġjuża fl-equidae msemmija fl-Anness A għad-Direttiva 90/426/KEE, li huma notifikabbli b'mod obligatorju fil-pajjiż, u sa żmien xieraq kull bidla fit-tliqim jew politika tal-importazzjoni fir-rigward tal-equidae.
- (4) Il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-equidae fl-Istati Membri għandhom jiġu adottati skond is-sitwazzjoni ta' saħħa tal-annimali tal-pajjiż terz konċernat. Bħala konsegwenza ta' dan, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kundizzjonijiet ta'

saħħa tal-Annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-equidae reġistrati u l-equidae għat-tniissil u l-produzzjoni ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni 2001/754/KE ⁽⁵⁾, għandha tiġi konsegwentement emendata.

- (5) Għaċ-ċarezza il-kodiċi tal-pajjiż ISO għandu jiġi użat għal emendi tal-listi tal-pajjiżi terzi.
- (6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 93/197/KEE hija emendata kif ġej:

1. Il-lista ta' pajjiżi terzi fil-Grupp A tal-ANNESS I hija mibdula b'dan li ġej:
"L-Isvizzera (CH), il-Gżejjer Falkland (FK), il-Groenlandja (GL), l-Islanda (IS)."
2. It-Titolu taċ-ċertifikat tas-saħħa dispost fl-Anness II(A) huwa mibdul b'dan li ġej:

"ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal importazzjonijiet fit-territorju Komunitarju tal-equidae reġistrati u l-equidae għat-tniissil u l-produzzjoni mill-Isvizzera, il-Gżejjer Falkland, il-Groenlandja, u l-Islanda."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Ottubru 2001.

F'isem il-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.⁽²⁾ ĠU L 102, tat-12.4.2001, p. 63.⁽³⁾ ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.⁽⁴⁾ ĠU L 274, tas-17.10.2001, p. 22.⁽⁵⁾ ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 16.